KUNSILL LOKALI ISLA

IR-RABA' KUNSILL

LAQGĦA NUMRU ĦAMSA U GĦOXRIN

Il-Kunsill Lokali Isla ltaqa' fl-Uffiċċju Ewlieni tal-Kunsill Lokali li jinsab fi Triq San Ġużepp, Isla nhar l-Erbgħa 1 t'Ottubru, 2003 fl-4.00pm .

| | | | |
|---|---|---|---|
| Membri Preżenti: | Joseph Casha | - | Sindku |
| | Walter Ahar | - | Viċi Sindku |
| | Charmaine Gerada | - | Kunsillier |
| | Mario Mizzi | - | Kunsillier |
| | Reno Chircop | - | Kunsillier |
| Uffiċjal Preżenti: | Alphonse Zammit | - | Segretarju Eżekuttiv |
| Udjenza : | xejn | | |

AĠENDA

(1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti.
(2) Kommunikazzjoni mis-Sindku.
(3) Kuntratt Grand Harbour Marina.
(4) Kuntratt Indafa.
(5) Sitwazzjoni Finanzjarja.
(6) Ġemellaġġ Isla - Cassino.
(7) Sotto - Kumitati.
(8) Librerija Pubblika.
(9) Laqgħa Pubblika.
(10) Ilmenti.
(11) Ħlas ta' Pagamenti.

## 26 (1) Approvazzjoni tal-Minuti mis-Sindku billi jiffirma li huma korretti

26(1).1 Il-Minuti ġew meħuda bħala moqrija.

26(1).2 Fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada ssekondata mill-Kunsillier Mario Mizzi ġie approvat li minuta 25(2).3 tiġi rranġata għax ma' kienitx tinftiehem sewwa.

26(1).3 Il-Minuta 25(2).3 żbir ta' siġar fix-xatt tiġi taqra hekk "il-Kunsill diġa' ħa ħsieb biex iż-żbir li ma' sarx tajjeb fix-Xatt jerġa jsir. Din id-deċiżjoni saret qabel ma' saru l-ilmenti dwar dan lis-Segretarju Parlamentari fil-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern".

26(1).4 Wara li saret din il-korrezzjoni fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Viċi Sindku Walter Ahar il-Minuti ġew approvati unanimament kif korretti.

26(1).5 Tagħrif li joħroġ mill-minuti (Arising Matters)
Il-Kunsill qabel li fil-laqgħa tal-Kunsill li jmiss iressaq mozzjoni biex jiġi irranġat id-dawl tal-ground tal-Ponta, kif ukoll l-art biex dan il-ground ikun jintuża mit-tfal tan-Nursery (25(2) 17 P6) 04/1374/03/I.

## 26 (2) Kommunikazzjoni mis-Sindku

Is-Sindku Joseph Casha ta rendikont tal-laqgħat li saru u l-ħidma li twettqet mill-aħħar laqgħa tal-Kunsill.

*26.(2).1 Stedina mill-President ta' Malta ( 27 / 08 / 2003 )*

Fl-okkażjoni ta' l-għaxar snin mit-twaqqif tal-Kunsilli Lokali l-President ta' Malta l-Eċċellenza Tiegħu l-Professur Guido Demarco stieden lis-Sindku u l-Viċl Sindku fir-residenza uffiċjali fil-Palazz Verdala għal Kunċert u riċeviment.

*26.(2).2 Road Construction - Kunsill Lokali ( 29 / 08 / 2003 )*

Ġie ffirmat ftehim bejn il-Kunsill Lokali Isla u l-Awtorita għat-Trasport li permezz tiegħu l-Kunsill ser jitħallas lura fi żmien tlett snin il-flus li jkun ħareġ biex wettaq xogħlijiet ta' kostruzzjoni fuq seba' toroq. Dan il-ftehim jibda jgħodd hekk kif dan jiġi pubblikat fil-gażżetta tal-Gvern.

*26.(2).3 Summer Club - Family Literacy Programme ( 29 / 08 / 2003 )*

Dan il-proġett ġie fi tmiemu f'attivita' li saret fi Ġnien il-Gardjola fejn ittellgħu workshops, exhibition ta' xogħol li sar, serata u bibita għall-okkażjoni. Dan il-Proġett kien suċċess bil-ħidma ta' dawk li ħadmu matul ix-xahrejn ta' Lulju u Awissu, 2003.

*26.(2).4 Ftehim mal-Grand Harbour Marina ( 03 / 09 / 03)*

Minn kuntatti li saru bejn is-Sindku Joseph Casha u s-Sur Charles Zammit fl-Awtorita tat-Turiżmu jidher li hemm bżonn li ssir laqgħa fil-Ministeru biex jiġu ċċarati xi punti f'dan il-ftehim kif imressaq mill-Grand Harbour Marina. Ġie ssuġġerit li ssir laqgħa ma' Dr. Albert Caruana head tas-Segretarjat fil-Ministeru biex dawn jikklarifikaw ċertu punti f'dan il-ftehim speċjalment klawsola 5.

*26.(2).5 Laqgħa ma' Dr. Albert Caruana ( 11/09/03)*

Infatti saret laqgħa ma' Dr Caruana u Charles Zammit fis-Segretarjat tal-Miniteru tat-Turiżmu fejn ġew diskussi d-diffikultajiet u l-preokkupazzjoni tal-Kunsill rigward dan il-ftehim speċjalment klawżola 9 u l-kuntratt li jkun għal 99 sena. Mid-diskussjoni deher li kien jaqbel li l-Kunsill jieħu parir legali qabel jieħu xi deċiżjonijiet.

*26.(2).6 Laqgħa ma' l-Avukat tal-Kunsill ( 12 / 09 / 2003 )*

Fil-laqgħa li s-Sindku Joseph Casha u s-Segretarju Eżekuttiv kellhom ma' l-Avukat tal-Kunsill ingħataw il-parir biex il-Kunsill ma' jaċċettax u ma' jiffirmax il-ftehim kif imressaq mill-Grand Harbour Marina għax hemm kliem li jistgħu jaffettwaw ħażin lill-Kunsill.

Huwa bagħat l-oġġezzjonijiet tiegħu bil-miktub. (Kopja mehmuża). Huwa ppropona li ssir laqgħa ma' l-Avukat tal-Grand Harbour Marina biex ċerta klawżoli fil-kuntratt jinbidlu.

*26.(2).7 Seminar Family Literacy (12 u 13/09/03)*

Is-Sindku Joseph Casha attenda seminar dwar Family Literacy imtella mill-Fondazzjoni għas-Servizzi Edukattivi fil-Lukanda Coastline u li għalliha kienu mistiedna diversi barranin mill-Belġju, Italja, Inghilterra, Skozja - Wales. Is-Sindku ġie mistieden biex jagħmel intervent ta' 10 minuti dwar il-Family Literacy Programme u Summer Club li dan il-Kunsill tella' bejn Lulju u Awissu, 2003.

*26.(2).8 Tender Ġbir ta' Skart Domestiku ( 19 / 09 / 2003)*

Bħal ma' kien miftiehem saret laqgħa fil-Kunsill Lokali tal-Kalkara fejn ġew diskussi l-offerti mitfugħa li kienu tlieta. Superlative Coop Lm 28, 950, Marvic & Sons Lm 30, 500 Southwaste Company Ltd Lm 33, 400 għall-ġbir ta' skart domestiku għat-tlett lokalitajiet f'daqqa (Birgu, Kalkara u Isla).

Sar qbil fil-prinċipju li t-tlett Kunsilli jagħżlu l-irħas offerta u meta jiġu biex tingħata t-tender il-Kunsill Lokali Isla ma' joħroġx aktar minn Lm 10, 500. (Ara dokumenti mehmuża).

*26.(2).9 Sotto Kumitat Edukazzjoni ( 23 / 09 / 2003)*

Saret laqgħa ta' dan is-Sotto Kumitat fejn ġie diskuss l-andament tas-Summer Club u Literacy Programme li ttella' minn dan is-Sotto Kumitat bl-għajnuna ta' dan il-Kunsill. (Kopja tal-Minuti mehmuża).

*26.(2).10 Foundation for International Studies ( 24 / 09 / 2003)*

Is-Sindku Joseph Casha kellu laqgħa mas-Sur Keith Agius, direttur ta' din l-Istitut dwar kors ta' Lingwa Ingliża għal żgħażagħ Taljani.

*26.(2).11 Kottonera Magħquda (24/09/03)*

Is-Sindku Joseph Casha attenda għal din il-laqgħa fejn ġie diskuss l-istatut imressaq biex tiġi ffurmata din l-għaqda li ser taħdem għall-Kottonera. Saru diversi emendi għal dan l-istatut. It-tlett Sindki tal-Kottonera flimkien ma' dak tal-Kalkara u rappreżentanti tas-soċjetajiet kienu preżenti. (Kopja ta' l-istatut mehmuża).

*26.(2).12 Emed - Delta Seminar (26/09/03)*

Is-Sindku Joseph Casha flimkien ma' Fabian Mangion, Lawrence Mangion, Charmaine Camilleri u Claude Scicluna attendew għal dan is-seminar. F'workshops differenti kull wieħed minn dawn ta l-ħsibijiet tiegħu dwar il-Kottonera u l-progress li sar.

*26.(2).13 Seminar Sindki u Viċi Sindki (26 u 27/09/03)*

Is-Sindku Joseph Casha u l-Viċl Sindku Walter Ahar attendew għal dan is-seminar imtella' mill-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali.

F'dan is-seminar ġew ppreżentati tagħrif dwar Youth Programmes ta' l-Unjoni Ewropeja kif ukoll ġew diskussi l-linji gwida dwar l-immaniġġjar tat-traffiku u miżuri oħra ta' sigurta' kif ppreżentati mill-Awtorita tat-Trasport. Diversi punti mqajjmin kienu : Bus Shelters, imwejjed u siġġijiet tal-ħwienet fil-lokal, trakkijiet kbar fit-toroq, il-permessi huma baxxi, abbuż mill-parking għad-Disabled.

Għandhu jiġi maħtur Liaison Officer għall-Kunsilli biex ikun refrence person għall-problemi u l-ilmenti tagħhom.

Il-Ministru Tonio Borg tkellem fuq id-devoluzzjoni mitluba mill-Kunsilli Lokali.

Il-Ministru Tonio Borg informa lill-Konferenza tas-Sindki u l-Viċl Sindki li l-Gvern qabel li 10% ta' l-allokazzjoni li l-Kunsill ma' jistgħax jonfoq għal din is-sena finanzjarja ser tinżel għal 5%.

*26.(2).14 Kumitat Konġunt (29/09/03)*

Ġiet diskussa l-problema ta' ċitazzjonijiet li mhux jitħallsu. Ġie ssuġġerit li jintbagħtu ittri bl-avukat li jitħallas Lm 1.75 għal kull ittra nkluż il-pustaġġ. Dawn jitħallsu mill-Kunsilli rispettivi.

Iċ-ċitazzjonijiet pendenti għal Kunsill ta' l-Isla f'dan l-aħħar sentejn huma 323 li jammontaw għal madwar Lm 3, 636.

*26.(2).15 Kuntratt ta' Mpjieg - Ms Elizabeth Grech*

Fuq proposta tal-Kunsillier Charmaine Gerada ssekondata mill-Kunsillier Mario Mizzi il-Kunsill unanimament approva li l-kuntratt ta' mpjieg ta' Ms Elizabeth Grech jiġġedded għal tlett snin oħra.

*26.(2).16* Korrispondenza

Lista tal-Korrispondenza mibgħuta u riċevuta bejn il-25 ta' Awissu u t-30 ta' Settembru 2003 ġiet ippreżentata waqt il-laqgħa tal-Kunsill.

*04/1490/03/I* *Memo 21/2003 - Dipartiment tal-Kunsilli Lokali*

Inqara dan il-Memo mibgħut mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar donazzjonijiet u ħlasijiet mill-Kunsilli Lokali u li jistgħu jkunu bi ksur tal-Liġi tal-Kunsilli Lokali.

*04/1497/03/I* *Merħba Signs*

L-HSBC li qed jisponsorja dawn is-sinjali nforma lill-Kunsill li jekk hemm bżonn li ssir manutenzjoni fuq dawn is-sinjali jew jekk hemmx bżonn li jsiru tibdiliet.

Il-Kunsill sejjer jitlob biex din il-Merħba sign tinbidel biex turi l-ġemellaġġ milħuq ma' Cassino.

*04/1503/03/I* *Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori*

Il-Kunsill ġie nfurmat mis-Segretarju ta' din l-Għaqda Robert Formosa irreżenja.

*04/1506/03/I* *Tender KBI/RC/03*

Il-Kunsill Lokali tal-Kalkara bagħat kopja tat-tender għall-ġbir ta' skart domestiku bejn it-Tliet Kunsilli (Birgu, Kalkara u Isla). Din ser tagħlaq f'nofsinhar ta' nhar it-Tlieta 16 ta' Settembru, 2003.

*04/1535/03/I* *Statut Kottonera Magħquda*

Is-Sur Anthony Gauci, segretarju ta' din l-għaqda għarraf lill-Kunsill li ser issir laqgħa oħra fl-10 ta' Settembru, 2003 biex jiġi emendat l-istatut.

*04/1551/03/I* *Xogħol f'Misraħ Papa Benedettu XV*

Id-Dipartiment tal-Bini u Tiswija tad-Djar approva t-talba tal-Kunsill biex isir xogħol ta' żebgħa tal-ħadid tal-btieħl f'dan il-misraħ.

*04/1559/03/I* *ETC/CWS Vacancies*
*04/1560/03/I*

Il-Koperattiva Outlook f'isem l-ETC, issuġġeriet żewġ persuni oħra biex jaħdmu bħala Sweepers taħt din l-iskema. Jekk jiġu approvati mill-Kunsill, dawn jistgħu jibdew minnufih.

Il-Kunsill ġie mgħarraf mill-Outlook Coop dwar kandidati biex jidħlu f'din l-iskema. Għandha ssir laqgħa ma' dawn biex jaħdmu bħala kenniesa.

*04/1561/03/I* *Talba biex tibda kors fl-Universita'*

Il-Kunsill approva t-talba tas-Sinjura Vanessa Caruana minħabba li din taħdem fil-Kunsill fuq bażi kuntrattwali.

*04/1563/03/I* *Ġbir temporanju ta' skart domestiku*

Il-Kuntrattur Marvic & Sons Ltd informa lill-Kunsill li aċċetta li jagħti dan is-servizz b'effett mill-15 ta' Settembru, 2003 bil-prezz ta' Lm 27.00 kuljum.

*04/1567/03/I* *10% Bilanċ pożittiv*

Il-Kunsill reġa ġie mfakkar li kull Kunsill Lokali irid jagħlaq is-sena finanzjarja b'bilanċ ta' mhux inqas m inn 10% ta' l-allokazzjoni annwali. Dan skond Avviż Legali 323/2002. Dan il-bilanċ għandu jinżamm il-ħin kollu.

*04/1585/03/I* *Skola Sport*

Il-Kunsill Malti għall-Isport informa lill-Kunsill li ser jibda l-programm Skola Sport bejn Ottubru, 2003 u Mejju, 2004 għal tfal bejn il-5 u l-10 snin.

*04/1592/03/I* *Ġimgħa Ewropeja taż-Żgħażagħ*

L-assoċjazzjoni Nazzjonali tal-Programm Youth taqsima tal-Uinjoni Ewropeja organiżżaw sessjonijiet ta' nformazzjoni dwar x'joffri dan il-programm ġo "Villa Rosa Complex".

*04/1595/03/I* *Kuntatt Maltacom*

Il-Kunsill qabel li jieħu sehem fl-Edizzjoni tal-Kuntatt li jmiss joħroġ f'Ottubru, 2003.

*04/1596/03/I* *Senglea Regatta Club*

Il-Kunsill approva t-talba ta' din l-għaqda biex torganiżża diversi attivitajiet bħala Rebbieħa tar-Regatta tat-8 ta' Settembru, 2003.

*04/1602/03/I* *Laqgħa - Sotto Kumitat Edukazzjoni*

Il-Kunsill laqa' t-talba tas-Sotto Kumitat ta' l-Edukazzjoni biex jagħmel laqgħa nhar it-Tlieta 23 ta' Settembru, 2003 fis-6.00pm fil-bini tal-Kunsill.

*04/1604/03/I* *Talba għal ħruq ta' nar*

Il-Kunsill ma' approvax it-talba għal ħruq ta' nar mill-Kumitat Festa ta' Bormla mill-Parking

Area tad-Dockyard ħdejn il-Maċina bejn il-5, s-6, s-7 u t-8 ta' Diċembru, 2003.

*04/1616/03/I* *Għaqda Sajjieda Dilettanti u Barklori*

Il-Kunsill approva t-talba ta' din l-għaqda biex jagħmlu Notice Board fix-Xatt.

*04/1639/03/I* *Memo 23/2003 - Regolamenti u Proċeduri Finazjarji tal-Kunsilli Lokali*

Iqara dan il-Memo mibgħut mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali dwar Regolamenti u Proċeduri Finanzjarji li kull Kunsill għandu jħares u jimplimenta skond Avviż Legali 323/324/2002.

*04/1657/03/I* *Konferenza Nazzjonali Demokrazija Lokali*
*04/1658/03/I*

Is-Sindku, Viċl Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv ġew mistiedna biex jattendu din il-konferenza mtella' mill-Ministeru tal-Ġustizzja u l-Intern, nhar il-Ġimgħa 10 t'Ottubru, 2003 fil-lukanda Coastline. L-iskop ta' din il-konferenza kien biex tiġi ivvalutata l-esperjenza tad-demokrazija lokali fl-aħħar 10 snin.

*04/1677/03/I* *Stedina - Foundation For International Studies*

Is-Sindku Joseph Casha ser jieħu sehem f'seminar tal-Proġett Delta Malta Information Day li ser jittella nhar il-Ġimgħa 3 t'Ottubru, 2003 bejn it-3.00pm u l-5.00pm fil-Palazz ta' l-Inkwiżitur il-Birgu.

*04/1683/03/I* *Premju Ħaddiem tas-Sena 2003*

Il-Ministeru tal-Politika Soċjali stieden lill-Kunsill biex jibgħat nominazzjonijiet fuq formoli apposta għal dan il-Premju.

## 26 (3) Kuntratt Grand Harbour Marina

Is-Sindku Joseph Casha ppreżenta l-ittra li l-Avukat tal-Kunsill bagħat lill-Kunsill fis-16 ta' Settembru, 2003 fejn fiha elenka r-raġunijiet għala mhux qed jirrakomanda lill-Kunsill biex jiffirma dan il-kuntratt kif abbozzat. (Kopja mehmuża).

*26.(3).1* Il-Kunsill qabel li ssir laqgħa mal-Grand Harbour Marina fil-preżenza ta' l-avukati taż-żewġ naħat.

*26.(3).2* Għal din il-laqgħa li ser issir nhar l-Erbgħa 8 ta' Ottubru, 2003 fis-2.00pm ser ikunu preżenti Joseph Casha s-Sindku, s-Segretarju Eżekuttiv u l-Avukat tal-Kunsill.

Il-Kunsillier Charmaine Gerada qalet li ma' taqbilx mas-suġġerimenti ta' l-avukat.

## 26 (4) Kuntratt Indafa

Wara l-laqgħa tad-19 ta' Settembru, 2003 li saret fil-Kunsill Lokali Kalkara saru kuntatti ma' dawk li tefgħu l-offerti biex jiġu ċċarati xi punti li tqajjmu waqt din il-laqgħa.

*26.(4).1* Għandha ssir laqgħa oħra nhar il-Ġimgħa 3 ta' Ottubru, 2003 fis-1.30pm fil-Kunsill Lokali tal-Kalkara biex jiġu finalizzati min sejjer jieħu din it-tender.

*26.(4).2* It-tlett Kunsilli kienu qed jaqblu li għandha tingħażel l-irħas offerta li għanda l-aktar vantaġġi.

## 26 (5) Sitwazzjoni Finanzjarja

Qabel il-laqgħa tal-Kunsill saret laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi fejn ġew approvati l-pagamenti li kellom jitressqu quddiem il-Kunsill. Għal din il-laqgħa kienet preżenti l-accountant tal-Kunsill. (Rapport mehmuż).

*26.(5).1* Minħabba kwidstjoni ta' cash flow il-Kunsill jinħtieġ li jkollu kontroll aktar fuq l-infieq tiegħu ħalli t-targets tal-Kunsill jintlaħqu kif programmat. Jinħtieġ kontroll strett fuq l-infieq.

*26.(5).2* Fuq proposta tal-Kunsillier Mario Mizzi ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop, il-Kunsill approva x-xogħol li kellu jitwettaq fi Triq San Pietru u San Pawl. L-ammont biex isir dan huwa stmat li jqum madwar Lm 987.27ċ.

*26.(5).3* Kalendarju 2004

Ġie suġġerit sabiex isir Kalendarju għas-sena 2004 fejn jiġu prodotti ritratti ta' l-ibliet Isla-Cassino fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija ta' 59 sena ilu.

## 26 (6) Ġemellaġġ Isla - Cassino

Il-programm ta' kif kien ppjanat li jsir il-Ġemellaġġ kien suċċess u mexa skond kif ippjanat. L-iffirmar uffiċjali sar nhar il-Ħadd 7 ta' Settembru, 2003 fis-Sala tal-Kunsill.

*26.(6).1* Il-Kunsill qabel li jsir magazine dwar l-avvenimenti kollha li seħħew biex dan il-ġemellaġġ bejn Isla u Cassino jiġi finalizzat b'suċċess. Dan għandhom jieħdu ħsiebu s-Sindku Joseph Casha u l-Kunsillier Charmaine Gerada.

*26.(6).2* Wieħed mill-proġetti li dan il-Kunsill qed jaħdem fuqu u li intalab biex jitwettaq mill-Comune di Cassino huwa kors ta' l-Ingliż f'Malta għal studenti mill-belt ta' Cassino.

Huwa ssuġġerit li dan il-kors ikun ta' ġimgħatejn għal madwar 15 jew 20 student/a.

## 26 (7) Sotto Kumitati

Is-Sindku nforma lill-Kunsill li sakemm ġiet ċċirkolata l-Aġenda kellu l-ħsieb li jitkellem fuq is-Sotto Kumitati. Dan l-item jiġi diskuss fil-laqgħa li jmiss.

## 26 (8) Librerija Pubblika

Il-Kunsill qed isibha diffiċli biex jitrasferixxi l-Librerija lokali mill-iskola Primarja Dom Mauro Inguanez għall-Fond f'Misraħ 4 ta' Settembru (l-uffiċċju l-antik tal-Kunsill) minħabba li d-devoluzzjoni għal dan il-fond imwegħda mid-Dipartiment ta' l-Artijiet għadha ma' ġietx deċiża.

*26.(8).1* Il-Kunsill kien imwiegħed li jekk jidħol biex jagħmel għas spejjeż tiegħu il-ħsarat li hemm id-Dipartiment ta' l-Artijiet jgħaddi dan il-fond b'devoluzzjoni biex issir il-Librerija Lokali u Public Internet Access Point. (Ara ittra mehmuża).

*26.(8).2* Minkewjja li sar dan jidher li d-devoluzzjoni għal dan il-Fond tinsab il-bogħod.

*26.(8).3* Il-Kunsill Skolastiku qed jagħmel pressjoni fuq dan il-Kunsill biex jitrasferixxi din il-librerija mill-idkola għall-Fond f'Misraħ 4 ta' Settembru minħabba li għandhom bżonn din il-kamra fl-Iskola.

*26.(8).4* Il-Kunsill qabel li jikteb lill-Minitru Tonio Borg biex Iħeġġu ħalli din id-devoluzzjoni sseħħ għall-ġid ta' kullħadd.

*26.(8).5* Il-Kunsill qed jippjana li jiftaħ dan il-Fond għal Diċembru ta' din is-sena.

*26.(8).6* Mill-kwotazzjoni li rċieva biex isir bieb ġdid għal dan il-post, il-Kunsill qabel li jsir bieb tal-ħadid għax dan jinvolvi l-anqas spejjeż. (Kwotazzjonijiet mehmuża).

## 26 (9) Laqgħa Pubblika

Il-Kunsill qabel li jżomm laqgħa ta' konsultazzjoni mal-pubbliku ta' l-Isla nhar il-Ħadd 2 ta' Novembru, 2003.

## 26 (10) Ilmenti - Talbiet

Il-Kunsill kellu żewġ talbiet għad-diskussjoni.

*26.(10).1 Reserved Parking - Tabib (04/1679/03/I)*

Wara li stħarreġ it-talba mressqa mit-Tabib Tonna, il-Kunsill qabel li din it-talba hija valida.

Għaldaqstant il-Kunsill approva li ssir Reserved Parking fi Triq il-Vitorja għall-użu tat-tabib, mit-Tnejn sal-Ħadd bejn it-8.30am u l-10.30am u mit-Tnejn sal-Ġimgħa bejn l-4.30pm u s-6.30pm.

*26.(10).2 Garage fi Triq San Mikiel (04/1549/03/I)*

Il-Kunsill stħarreġ ilment imressaq mis-Sinjorina Mary Gauci dwar ir-rampa tal-garage tagħha fi Triq San Mikiel.

Il-Kunsill huwa tal-fehma li qabel jieħu deċiżjoni fuq x'għandhu jsir jieħu parir mill-Perit tal-Kunsill kif ukoll mill-Awtorita dear it-Trasport.

## 26 (11) Ħlas ta' Pagamenti (22/07/03 - 30/09/03)

*26.(11).1* Il-Kumitat tal-Finanzi li ltaqa' nhar l-erbgħa l-1 t'Ottubru, 2003 (qabel il-laqgħa tal-Kunsill Numru 26) qabel li jressaq il-ħlas ta' pagamenti li jammontaw għal Lm 14, 633.41 għall-approvazzjoni tal-Kunsill. (Minuti mehmuża).

*26.(11).2* Fuq proposta tal-Viċi Sindku Walter Ahar ssekondat mill-Kunsillier Reno Chircop il-Kunsill approva l-ħlas ta' pagamenti li jammontaw Lm 14, 633.41.

Il-laqgħa tal-Kunsill ntemmet fis-7.00pm b'dan l-item fuq l-agenda.

Konfermati bħala konsistenti u korretti nhar ________________________________________

____________________________________________________________________________

____________________________________________________________________________

________________________                                        ________________________

Joseph Casha                                        Alphonse Zammit
Sindku                                        Segretarju Eżekuttiv